# Lech Walesa jżur Għawdex



L-Eks President tal-Polonja u fundatur tal-Moviment Solidarnosc, Lech Walesa, żar Għawdex.

Mal-wasla tiegħu, Walesa mar poġġa kuruna tal-fjuri fuq il-Monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II, fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II, fil-Belt Victoria, fejn kien milqugħ mill-President, Dr Monica Vella u membri tal-Kumitat Monument Nazzjonali Papa Ġwanni Pawlu II, li ppreżentawlu gwarniċ bi xbiha tal-Monument.

Walesa żar ukoll is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, fejn kien milqugħ mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar. Mal-wasla tiegħu, Walesa esprima ż-żjara tiegħu fis-Santwarju Ta' Pinu, bħala żjara ta' talb. Infatti baqa' dieħel dritt fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu fejn għadda mumenti ta' talb fis-skiet.

Wara żar il-Mużew li hemm fl-istess Santwarju u ġie ppreżentat bi xbiha tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu.

Qabel ħalla s-Santwarju, Walesa kiteb dan bil-pollakk, fil-ktieb tal-viżitaturi. "Hu pjaċir tiegħi li ninsab nimxi fuq il-passi tal-Kbir Papa Ġwanni Pawlu II li żar dan is-Santwarju".

Walesa f'mumenti ta' talb fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu.



Waqt il-preżentazzjoni lil Walesa, tax-xbiha tal-Madonna Ta' Pinu mir-Rettur tas-Santwarju, Dun Gerard Buhagiar.



Il-Grupp mill-Parroċċa tal-Munxar quddiem il-knisja ta' TRE FONTANE, il-post tal-martirju ta' San Pawl. Jidhru, bil-wieqfa: Joseph Curmi, Angel Parnis, Josephine Sultana, Joanne Parnis, Paul Parnis, Rita Grima, Liliana Parnis, Jordi Parnis, Paul Parnis, Paul Grech, Emanuela Grech, Pauline Curmi, Alfred Grech, Francelle Grech, Joyce Parnis, Larner Parnis, Salvina Mercieca, Monica Mizzi, Francis Mercieca, Emanuela Parnis, Helen Debrincat, Maria Curmi. Bilqiegħda: Salvu Parnis, Matthew Parnis, Dun Tonio Galea, Paul Curmi u Luca Curmi.

# Pellegrinaġġ f'Ruma għas-Sena Pawlina

**27 persuna mill-parroċċa** ta' San Pawl Nawfragu, Munxar, Għawdex, immexxija mill-Kappillan, Dun Tonio Galea marru fuq Pellegrinaġġ lejn Ruma fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina.

Fost l-episodji l-iktar importanti ta' din il-mawra fil-Belt Eterna ġiet iċċelebrata Quddiesa fil-kripta tal-Vatikan u oħra fil-Bażilika ta' *San Paolo fuor le Mura*, żjajjar fil-bażiliċi ta' San Giovanni in Laterano u Santa Maria Maggiore kif ukoll fl-Abbazija ta' Tre Fontana. Esperjenza oħra importanti kien il-vjaġġ għal Assisi fejn il-grupp żar l-oqbra ta' San Franġisk u Santa Klara. Ta' min isemmi ż-żewġ laqgħat mal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI, dik ta' nhar ta' Ħadd f'Castel Gandolfo u dik ta' l-udjenza ġenerali ta' kull nhar t'Erbgħa fis-Sala Pawlu VI fil-Vatikan. Naturalment ma naqsux il-viżti fil-postijiet kulturali u storiċi Rumani u l-pjazez famużi tal-belt.

Il-grupp kien alloġġjat għand is-Sorijiet Kompassjonisti tas-Servi ta' Marija fil-parroċċa ta' Sant Injazju minn Antijokja.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Ix-xogħol ta' Restawr fil-faċċata tal-Knisja Katidrali.

# Beda x-xogħol ta' Restawr fuq il-Faċċata tal-Katidral

Il-Kapitlu Katidrali iddeċieda li jsir ix-xogħol meħtieġ għall-konservazzjoni u restawr fil-binja tal-Knisja Katidrali, il-proġett li jirrigwardja prinċipalment il-faċċata tal-knisja.

Il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu, Mons. Giovanni B. Gauci qal lil *The Maltese Herald* illi x-xogħol fuq il-faċċata huwa għadma aktar iebsa. Imma jittama li jirnexxi. Jittama wkoll illi jibqgħu jsibu l-għajnuna u l-ħidma ta' dawk li taw sehemhom fir-restawr li diġà sar tal-kampnar u l-parti t'isfel tal-koppla.

Ix-xogħol qed isir taħt is-superviżjoni tal-Perit Raymond Agius, wara kunsultazzjoni mal-MEPA.

Ix-xogħol tar-restawr hu f'idejn Wigi Vella u ibnu Mark, megħjuna minn ħaddiema oħra.

Id-Ditta ta' Ġużeppi Caruana tar-Rabat, Għawdex tat is-sehem kollu tagħha fejn jidħol l-armar meħtieġ.

## Pubblikazzjonijiet

Fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina 2008/09, il-*Lumen Christi Publications* għadha kif ippubblikat **Pawlu, l-ewwel missjunarju ta' l-Ewropa,** l-ewwel minn tliet kotba speċjali dwar l-Appostlu Missierna San Pawl għall-informazzjoni dwaru u l-formazzjoni spiritwali ta' kulħadd.

Pawlu – L-Appostlu tal-Ġnus, Missier il-Maltin ser jiġi ppubblikat aktar tard dan ix-xahar. Waqt illi t-tielet pubblikazzjoni Il-Vanġelu ta' San Pawl – Meditazzjonijiet ser joħroġ fi Frar 2009.

Kull informazzjoni dwar dawn il-kotba tinkiseb mil-Lumen Christi Media Centre, Fortunato Mizzi Street, Victoria, Għawdex, Malta. Tel: 21 560 496/7 Fax: 21 561 860.




Il-qoxra tal-ktieb Pawlu l-Ewwel Missjunarju ta' l-Ewropa

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***